QALA

Ref Nru 8

Il-minuti tat-tmien laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar it-Tnejn 7 ta' Dicembru 2015, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Progett tal-Belvedere – EAFRD mizura 413.4.**

2.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni fuq ix-xogholijiet li qed isiru fuq il-progett tal-Belvedere – EAFRD mizura 413.4. Huwa semma li l-bankijiet li gew offruti fl-offerta huma *out of stock* u ghalhekk il-Kunsill nghata ohrajn differenti. Il-Perit William Lewis accettahom. Is-Sindku semma li dawn il-bankijiet ser jithallsu mill-fondi tal-Kunsill sabiex b'hekk il-Kunsill ma jehilx multa mill-*Paying Agency* talli gab bankijiet differenti. Huwa semma wkoll li kien hemm varjazzjoni fid-*drinking fountain* ukoll u li mhux ser isir *reverse osmosis*. Gew trattati stampi ta' dawn il-bankijiet u d-*drinking fountain*.

**3 Progett *Heritage Trail* – EAFRD mizura 313.**

3.1 Is-Sindku semma li kien hemm varjazzjoni fir-*railing* li sar fi gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, Qala. Ghalhekk giet trattata ittra li giet ippreparatha mill-Perit Edward Scerri fejn semma l-kjarifikazzjoni tal-varjazzjoni li kien hemm fil-*bill of quantities* dwar il-manifattura u l-installazzjoni tar-*railing* tat-*timber* fil-gnien tal-rikreazzjoni. Il-Kunsill approva din il-varjazzjoni u kjarifika. Gew trattati l-ahhar *claims* ta mizura 313. Il-Kunsill approvahom. Giet mibghuta ittra mill-Perit lil *Head* tal-*Paying Agency* fejn gie mitlub estenzjoni sabiex jitlestew ix-xogholijiet fuq dan il-progett. Is-Sindku semma wkoll li saret talba ghal fondi addizzjonali b' *bill of quantities* godda. Huwa semma wkoll li minhabba l-kwestjoni tal-Perit li giet diskussa fl-ahhar laqgha, gie mqabbad il-Perit Godwin Aguis li ser jiccertifika x-xoghol flok il-Perit Edward Scerri.

## 4 Premju Unur Gieh il-Qala 2015.

4.1 Is-Sindku semma li l-familja ta' Victor Grech iridu li Premju Unur Gieh il-Qala jinghata lilu, wahdu. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li din is-sena dan il-premju ghandu jinghata lil Victor Grech u lill-qassisin ghandu jinghata sena ohra. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa ser jaghmel *power point* fuq Victor. Is-Sindku semma wkoll li d-data kellha tinbidel ghas-Sibt 19 ta' Dicembru 2015.

## 5 Attivitajiet Milied 2015.

5.1 Is-Sindku semma li barra Premju Unur Gieh il-Qala, l-attivitajiet l-ohra li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied ser ikunu jikkonsistu:

5.2
- Attivita tal-Istrina – Is-Sibt 12 ta' Dicembru 2015.
- Harga ghal Malta – It-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015.
- Serata ghal familja – Il-Hadd 27 ta' Dicembru 2015.
- Harga ghall-anzjani u nisa - It-Tnejn 28 ta'Dicembru 2015.

## 6 Korrispondenza.

6.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

6.2 Ittra mibghuta mid-Direttur Carmel Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar abbozz ta' ftehim dwar xogholijiet li saru/qed isiru minn Transport Malta fil-lokalita` tal-Qala. Anness ma din l-ittra gie mibghut dan il-ftehim.

6.3 Giet trattata *memo* 30/2015 dwar skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali ghall-2016 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Giet mibghuta applikazzjoni mill-Kunsill dwar il-*Qala International Folk Festival* 2016.

Giet diskussa xi materji ohra:

Is-Sindku semma li l-istima ghal kostruzzjoni ta' *water culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni hija ta' madwar €40,000. Huwa semma li l-Ministeru ghal Ghawdex lest li johrog €15,000 minn naha tieghu. Nhar l-Erbgha li gej ser isir laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex il-Kunsill jara kemm ser johrog spejjes propju ghal dan il-*culvert.* Is-Sindku semma li ser isir kuntratt bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jistax il-Kunsill jaqbad u jaghti flus lill-Korporazzjoni. Is-Sindku semma li jista` basta jsir kuntratt u li Kunsilli Lokali ohra diga` ghamlu dan it-tip ta' ftehim. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li jahseb li ahjar kieku l-*water culvert* saret minn Triq ir-Rebha l-ewwel. Il-Vici Sindku semma li ahjar isir fejn hu ppjanat li jsir jigifieri fi Triq il-Kuncizzjoni.

Gew mibghuta xi talbiet mill-Kunsill lil Transport Malta ghal *double yellow lines* fil-gnub tal-*garage* tar-residenza 'Larlin', Triq il-Wardija, *double yellow lines* f'kantuniera ta' Triq il-Mithna u Triq it-Telgha, *double yellow lines* faccata ta' *garage* ta' 23 Triq it-Telgha u

*road hump* fi Triq Cini. Il-Kunsill ircieva diversi ittri minn Rueben Said Head Transport Malta, f'Ghawdex, fejn informa lill-Kunsill li t-Transport Malta ma jsibx oggezzjoni sabiex isiru dawn it-talbiet.

Giet trattata talba ghal bozza gdida fi Triq l-Indipendenza.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-14 ta' Novembru 2015 sas-7 ta' Dicembru 2015 minn referenza numru 225/15 sa referenza numru 231/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 127/15 sa referenza numru 131/15 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar 2016

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |